**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 15 t'Ottubru 2024**

Rikors Numru: 329/24 AL

A B

vs

C B

(M.R. Numru 100/2010)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tiegħu esponiet:

1. Illi l-partijiet izzewgu nhar it-tmintax (18) ta' Marzu tas-sena elfejn u ghaxra (2010) u dan skont ic-certifikat taz-zwieg li ghandu numru 100/2010 hawn anness u mmarkat bhala "Dokument A".
2. Illi l-partijiet isseparaw nhar l-Erbgħa (4) ta' Ġunju tas-sena 2019, anness 'Dokument B';

3. Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzioni bein |-istess mizzewgin;
4. Illi ma hemm l-ebda arretrati ta' manteniment dovuti.
5. Illi dawn il-fatti hawn fug imsemmija jssudisfaw il-kondizzioniiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talbet lill-intimat jgħid għaliex din il-Qorti m'għandiex:

1. Tippronunzja |-hall taz-zwieġ li gie ċċelebrat nhar it-tmintax (18) ta' Marzu tas-sena 2010.

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghall daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

3. Tordna li l-mara tigi awtorizzata li tirreverti għal kunjomha ta' xebba u ċioe "D".

Rat ir-risposta tal-intimat li permezz tagħha espona illi:-

1. Fl-ewwel lok, l-esponenti jaqbel mal-fatti dikjarati mar-rikors promotur u ċioe` illi l-partijiet iżżewġu nhar it-18 ta' Marzu, 2010 u effettivament huma ottjenew is-separazzjoni personali tagħhom permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni nhar l-4 ta' Ġunju, 2019.
2. L-esponenti jikkontendi li huma ilhom diversi snin isseparati u li bejniethom m'hemm l-ebda ċans ta' rikonċiljazzjoni.
3. Inoltre, l-esponenti jaqbel illi bħala stat ta' fatt m'hemmx arretrati ta' manteniment u għalhekk m'għandux oġġeżżjoni għal akkoljiment tat-talbiet rikorrenti, hekk kif dedotti fir-rikors promotur.
4. Madanakollu, l-esponenti jopponi għall-ispejjeż tal-proċeduri odjerni.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-dikjarazzjoni tar-rikorrenti;

Rat id-digriet tagħha tad-9 t'Awwissu 2024;

Rat ir-risposta tal-intimat.

Rat l-affidavit bix-xiehda tal-intimat;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa r-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-4 ta' Gunju, 2019;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Il-Qorti rat it-talba tar-rikorrenti sabiex tirreverti għall-kunjom tagħha ta' xebba ossija "D". Il-Qorti tilqa' din it-talba u tordna lid-Direttur tar-Registru biex jieħu l-provvedimenti kollha f'dan ir-rigward;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' "D", tidderiġi lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku biex jieħu l-provvedimenti meħtiega f'dan ir-rigward, tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir *res judicata*, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.